
Smoke-free car
Health Promotion & Disease
Prevention Directorate
5B, The Emporium, C. De Brocktorff Str., Msida MSD 1421 Malta.
Tel: 2326 6000, Fax: 2326 6104, www.ehealth.gov.mt

## X'fih id-duħħan tat-tipjip indirett

Id-duħħan tat-tabakk fih gassijiet velenużi u eluf ta' sustanzi kimiċi li huma tossiċi. Aktar minn 4000 sustanzi velenużi jidħlu fil-ġisem tat-tfal li jgħixu f'ambjent fejn hemm id-duħħan. It-tfal, huma aktar sensittivi għad-duħħan mill-kbar, għax ġisimhom għadu teneru u għadu qed jiżviluppa.

## Perikli ikkaġunati minn tipjip qrib it-trabi u t-tfal

- It-tfal li huma esposti għal tipjip indirett għandhom riskju doppju li jsofru attakki ta' l-ażżma jew minn problemi oħra bħal tħarħir, sogħla, katarru u qtugħ ta' nifs.
- Kemm it-trabi, kif ukoll t-tfal, għandhom il-periklu li jmutu waqt l-irqad.
- It-tfal għandhom ċans akbar li jsofru minn 'glue ears' (Kundizzjoni li tista' twassal biex wieħed jittarrax parzjalment)
- Tfal li jkunu viċin il-ġenituri li jpejpu qiegħdin f'riskji akbar li jimirdu b' problemi respiratorji serji bħall-bronkite u l-pnewmonja, kif ukoll b'mard bħall-kanċer u infezzjonijiet tas-sider.
- Tista' tnaqqas il-periklu lit-tfal u ġġib bidla, għall-aħjar f'saħħithom, billi ma tpejjipx kemm qabel u meta huma qed jivjaġġaw miegħek.
- It-tipjip indirett isir aktar qawwi u jagħmel aktar ħsara ġo karozza.
- Fi vaġġi qosra, jekk ser tpejjep, pejjep qabel titlaq u mhux fil-karozza
- Fi vjaġġi itwal, l-istess jekk ser tpejjep, ieqaf u pejjep barra mill-karozza, 'il bogħod mit-tfal

## *Uliedek għandhom dritt għall-ambjent mingħajr dħaħen tas-sigarett*

*Għalkemm mhux faċli tieqaf tpejjep, din mhix xi ħaġa impossibli. Għal aktar informazzjoni u għall-għajnuna ċempel: Dipartiment għall-Promozzjoni tas-Saħħa 2326 6000 jew 2326 6116*